**11 ta' Diċembru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**

Arnold C. Dalmas bħala direttur tas-soċjetà Dai Trading Agency Limited u għan-nom ta' l-istess

*versus*

Maurice Mifsud Bonnici fil-kwalità tiegħu ta' *Chairman* tal-Korporazzjoni Telemalta u għan-nom ta' l-istess

## Ċitazzjoni - Nullità ta' - Kreditu

*Il-Qorti ċaħdet eċċezzjoni ta' nullità u laqgħet talba attriċi għal kanonizzazzjoni ta' kreditu.*

Il-Qorti:-

L-attur *nomine*, f'din il-kawża, qed jallega li s-soċjetà attriċi mpurtat fuq ordni tas-soċjetà konvenuta u għall-istess, żewġ *video recorders*, *colour monitor* u *chargeable battery pack*, bil-prezzijiet rispettivi konvenuti ta' Lm760, Lm146 u Lm50 C.I.F., u dan skond il-fattura annessa Dok. A; li dawn l-oġġetti waslu Malta fit-3 ta' Diċembru, 1982; is-soċjetà konvenuta għadha ma ħallsitx il-prezz minnha dovut billi qiegħda tirrifjuta li tiġbor l-oġġetti mid-Dwana għaliex qed tippretendi li tħallas dazju fuqhom mhux kif mitluba tħallas. Billi s-soċjetà konvenuta, mitluba tħallas, ma ħallsitx, għalhekk l-attur *nomine* kellu jistitwixxi din il-kawża għas-somma ta' Lm956 bl-imgħax tat-8% mit-3 ta' Diċembru, 1982, data li fiha l-oġġetti mpurtati waslu Malta. In sostenn tal-pretensjoni tagħhom, l-atturi esebew Dok. A *invoice* kontenenti l-oġġetti li tagħhom qegħdin jirreklamaw il-prezz;

Min-naħa tiegħu l-konvenut *nomine* qiegħed jeċċepixxi żewġ affarijiet. In linea preliminari l-konvenut qed jeċċepixxi li ċ-ċitazzjoni hi monka billi mhix sorretta minn kawża u d-domanda attriċi ma tirriżultax mill-premessi tal-kawża u għalhekk it-talba attriċi għandha tiġi respinta bl-ispejjeż. Fit-tieni lok il-konvenut *nomine* eċċepixxa li subordinatament u bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni l-ammont mitlub mhux dovut billi l-attur *nomine* għadu ma kkonsenjax l-oġġetti ordnati

lill-konvenut skond il-ftehim;

Għall-fini ta' l-ewwel eċċezzjoni trid tiġi eżaminata bir-reqqa ċ-ċitazzjoni bil-premessi ta' ġo fiha, kif ukoll it-talba u għall-fini tat-tieni trid tiġi eżaminata t-transazzjoni jew aħjar in-natura tan-negozju li sar bejn il-kontendenti;

Fiċ-ċitazzjoni l-attur qiegħed l-ewwelnett jippremetti li s-soċjetà attriċi li hu jirrappreżenta fuq ordni tas-soċjetà konvenuta u għall-istess żewġ *video recorders, colour monitor* u *chargeable battery pack* u dan versu l-prezzijiet li hu semma' fl-istess ċitazzjoni. Barra minn hekk huwa esebixxa prospett ta' x'kien qiegħed jippretendi l-ħlas. Dan jinsab esebit bħala Dok. A. L-istess attur *nomine* kompla jippremetti li dawn l-oġġetti waslu f'Malta fit-3 ta' Diċembru, 1982, u li hu għadu ma tħallasx mingħand il-konvenut *nomine* ta' l-istess oġġetti. Ir-raġuni skond hu għaliex il-ħlas ma ġiex effettwat kien li s-soċjetà konvenuta qed tippretendi li tħallas dazju fuq l-oġġetti in kwistjoni differenti minn dak li l-Kontrollur tad-Dwana qed jippretendi li għandu jiġbor. L-attur *nomine* interpella lill-konvenut biex iħallas l-ammont dovut iżda dan ma ħallsux u fl-aħħarnett l-unika rimedju li kien fadallu biex jiġbor flusu kien biex jistitwixxi din il-kawża. Wara dawn il-premessi hemm it-talba ta' l-attur *nomine* għall-kundanna tal-konvenut *nomine* għall-ħlas tas-somma kollha dovuta;

Fid-dikjarazzjoni tiegħu li tinsab annessa maċ-ċitazzjoni, l-attur *nomine* bil-ġurament ikkonferma dawn il-fatti u elabora aktar kif tirrikjedi l-istess liġi dwar f'hiex tikkonsisti l-pretensjoni tiegħu. Skond din id-dikjarazzjoni jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kienet talbet lill-attur *nomine* biex jimportalha l-oġġetti msemmija bil-prezzijiet indikati. Id-dazju kellu jitħallas mill-Korporazzjoni. Meta waslu l-oġġetti ordnati fit-3 ta' Diċembru, 1983, l-awtoritajiet tad-Dwana ma riedux

jirrilaxxjawhom jekk id-dokumenti ma jkunux f'isem Xandir Malta. Għalhekk l-attur *nomine* talab lill-esportaturi biex id-dokumenti ġodda jiġu f'isem il-konvenut *nomine*. Il-konvenut *nomine* ma qabilx mal-mod kif ġew intaxxati l-oġġetti *de quo* u rrifjuta li jirtirahom. Kull meta l-attur talab il-ħlas mingħand il-konvenut *nomine* kien ġie mitlub jistenna għaliex ma kienx għadu sar l-arranġament bejn il-konvenut *nomine* u d-Dwana;

Minn eżami kemm taċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni, flimkien mad-domandi attriċi joħorġu ben ċari u bażati fuq il-kawżali taċ-ċitazzjoni. Kwindi għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut *nomine* b'ebda mod ma tista' tiġi milqugħa billi jidher li ċ-ċitazzjoni ġiet magħmula bl-aktar mod skjett u ċar;

Għar-rigward tat-tieni eċċezzjoni u ċjoè dik li tirrigwarda l-meritu, wieħed irid jeżamina l-provi prodotti li jikkonsistu fl-*invoice* Dok. A, id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-partijiet u d-dokumenti l-oħra esebiti mill-attur *nomine*. Barra minn dawn il-provi dokumentarji hemm ukoll ix-xhieda ta' Lawrence Dalmas. Dan più o meno fix-xhieda tiegħu xehed ħalma hemm imniżżel fid-dikjarazzjoni maċ-ċitazzjoni. Dan fi ftit kliem qal li hu kien mitlub jagħti *quotations* ta' prezzijiet ta' l-oġġetti, li fuqhom qed issir il-kawża. Kien qal lill-konvenut *nomine* li dawn il-prezzijiet kienu jorbtu sa 60 ġurnata. Meta saret l-ordni kienu għaddew xhur u l-prezzijiet kienu nbidlu. Kien bagħat ukoll lill-konvenut *nomine* l-*original invoices* bil-prezzijiet il-ġodda u dawn kienu ġew aċċettati;

F'din il-kawża, però, jidher li l-importanti hu min u fejn kellha ssir il-konsenja ta' l-oġġetti *de quo* u mhux il-prezzijiet għaliex it-tieni eċċezzjoni dan biss semmiet. L-oġġetti kienu ordnati direttament f'isem il-konvenut *nomine* u kwindi hawn Malta hu kien ir-riċevitur skond il-liġi. Il-merkanzija waslet Malta bil-prezzijiet miftehma u f'isem il-konvenut *nomine* u

jirriżulta li dan għadu ma rtirahomx minħabba l-kwistjoni taddazju li ssemmiet aktar 'il fuq. L-istess xhud qal: "oriġinarjament il-merkanzija waslet Malta f'isimna, imma d-Dwana ma riditx tatihielhom lil Xandir Malta għax id-dokumenti ma kinux fuq isem il-Korporazzjoni. Għalhekk kelli nikteb u nibgħat telegramma l-Ġappun (għand l-*exporters*) biex jibgħatuli dokumenti oħra f'isem ix-Xandir u hekk għamlu. B'hekk id-Dwana mbagħad, b'dawn id-dokumenti l-ġodda, setgħet tagħti l-merkanzija lil Xandir Malta". Minn dan kollu jidher li l-kwistjoni qamet minħabba diskordju bejn il-konvenut u d-Dwana. Dan joħroġ ukoll anke mill-ittra Dok. B, fol. 27 tal-proċess mibgħuta mill-avukat tal-konvenut lid-difensuri ta' l-attur fejn qalilhom biex ma jkomplux jipproċedu kontra l-konvenut għaliex il-konvenut *nomine* kien qed jagħmel minn kollox biex jirtira l-oġġetti mid-Dwana;

Fil-fehma tal-Qorti l-attur *nomine* aderixxa kompletament ma' l-arranġament u ftehim li kellu rigward l-oġġetti *de quo* mal-konvenut *nomine* u jekk ma ġewx finalment irtirati mid-Dwana, ebda ħtija ma tista' tiġi addebitata lilu. Del resto f'din il-kawża l-konvenut *nomine* kellu diversi okkażjonijiet biex iressaq provi kuntrarji kieku ried u l-kawża ġiet iddifferita aktar minn darbtejn għall-provi kollha tal-partijiet u fil-fatt il-konvenut għażel li jutilizza ruħu minnhom;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur fil-kwalità tiegħu premessa u għalhekk tikkundanna lill-konvenut fil-kwalità tiegħu premessa jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm956 għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni bl-imgħaxijiet mitluba;

Bl-ispejjeż.